# QORTI CIVILI - PRIM'AWLA

**IMHALLEF**

**ONOR. DR JOANNE VELLA CUSCHIERI**
**B.A., MAG. JUR. (EUR. LAW.), LL.D.**

**Illum il-Hamis, 30 ta' Marzu 2023**

**Kawza Numru: 8**

**Rikors Ġuramentat Numru:- 543/2015 JVC**

**Ignatius (ID 300540M) u Carmen (ID 848544M) konjugi Debono**

**vs**

**Paula Debono, Pierre Debono u Omar Debono**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors guramentat fejn ir-rikorrenti Ignatius u Carmen konjugi Debono kkonfermaw bil-gurament u talbu kif isegwi:

1. ‘Premess illi r-rikorrenti ghandha raba' f’Wied Qirda, limiti ta' Haz-Zebbug (Malta) li hija adjacenti u kontigwa ghar-raba' ta' l-intimati minn diversi rjiehat fosthom min-naha tat-tramuntana u kif ukoll min-naha ta' lvant.

2. U billi permezz ta citazzjoni pprezentata fit-28 t'April 2006 (Nru 2542/1998) ir-rikorrenti kienu talbu li jigu stabbiliti l-konfini ta' raba' rispettivi tal-partijiet min-naha tat-tramuntata; liema talba kienet giet michuda.

3. U billi sussegwentement, wara dik is-sentenza, il-partijiet baqghu juzaw ir-raba' rispettivi taghhom. Min-naha ta' **lvant** kien hemm hajt baxx maghmul mill-intimati stess li jifred ir-raba' tar-rikorrenti minn dak ta' l-intimati.

4. U billi diversi snin ilu l-esponenti kien (fuq in-naha tieghu) pogga pallets biswit dan il-hajt biex b'hekk ghamel linja divizorja, li ma kenitx interotta, biex jifred ir-raba' tal-partijiet. In oltre l-esponenti kien hawwel diversi xtieli tal-bajtar tax-xewk fin-naha tieghu u quddiem dawn il-pallets. L-esponenti kien ghamel dawn il-pallets u l-bajtar ghax ra' li bil-mod il-hajt divizorju li kien jifred iz-zewg partijiet kien qed josfor (fl-ahhar snin kien oghli ta' filata wahda biss).

5. Tul is-snin l-intimati ma ghamlu xejn, ix-xtieli tal-bajtar ta' l-esponenti kibru u bdew jaghtu l-frott. Inoltre f'din il-parti tar-raba tieghu, l-esponenti kellhu d-dwieli, u hawwel zewg sigar taz-zebbug u zewg tar-rummien maturi fil-parti t'isfel, filwaqt li fil-parti ta' fuq kien hemm erba' sigar taz-zebbug, *trukk*, u tlett tankijiet.

6. L-esponenti kellhu l-pussess shih ta din ir-raba'.

7. U billi minkejja dan kollu, ricentement, u ezattament bejn is-**7 t'April 2015 u l-14 t'April 2015** 1-intimati jew nies imqabda minnhom, immarkaw biz-zebgha ahmar fuq il-hbula fejn dehrilhom li hija propjeta ta l-esponenti u qabdu nehhew dan il-hajt komuni, l-pallets u spustjawhom fuq in-naha tar-rikorrenti sa dik il-linja.

8. U billi in oltre tul dawn l-ahhar gimghat l-intimati, apparti li nehhew ghal kollox il-hajt, komuni, li kien jifred iz-zewg raba' u mexxew il-*pallets* sa fejn dehrilhom huma ghamlu diversi atti spoljattivi ohra. Fosthom qatctu x-xtieli tal-bajtar, d-dwieli u hasru l-ucuh tar-raba' li kien hemm f'dik il-parti tar-raba'; nehhew iz-zewg sigar taz-zebbuga li kien hemm (liema sigar, l-esponenti ha u rega' hawwel fl-art tieghu, f'tentattiv li jsalvahom); hamlu u regghu ghattew l-art bil-hamrija mexxew it-trukk; u t-tankijiet li kienu fil-post;

haddu l-pajpijiet, hoxnin, li kienu qeghdin izommu l-istruttura tal-pallets u minflok qeghdin izommu dawn il-pellets fil-post il-gdid taghhom b'pajpiet diversi li huma inqas hoxnin u f'kwantita inferjuri milli kien hemm originarjament.

9. B'dan il-mod abbuzziv, illegali u vjolenti l-intimati spolljaw lill-esponenti mill-art li kienet fil-pussess taghhom.

10. U billi b'dan il-mod l-esponenti gew privati mill-uzu tar-raba taghhom dan l-agir jikkostitwixxi spoll klandestin u vjolenti fil-konfront tar-rikorrenti;

11. U billi minkejja li gew interpellati sabiex jirreintegraw l-ispoll, l-intimat baqa' inadempjenti u ghalhekk kellha ssir din il-kawza anke peress li din ma kenitx l-ewwel darba li l-intimat u l-familja tieghu hadu l-ligi fidejhom fil-konfront ta' l-atturi;

Ghaldaqstant ir-rikorrenti jitolbu bir-rispett lil dina l-Onorabbli Qorti sabiex; prevja kwalsiasi dikjarazzjoni necessarja u opportuna u ghar-ragunijiet premessi jew li jirrizultaw tul it-trattazzjoni tal-kawza:

1. Tiddikjara li l-fatti suesposti jammontaw ghal spoll kommess mill-intimat ghad-dannu tar-rikorrenti;

2. Tikkundannal-intimat sabiex fi zmien qasir u perentorju li jigi ffissat minn dina l-Onorrabbli Qorti jirrintegra lir-rikorrenti fil-pussess pjen u shih **originali tal-proprjeta tagghom billi jregghu kollox** ghal li kien qabel dan l-ispoll, inkluz izda mhux limitat li l-hajt divizorju u l-pallets jergghu jitpoggew fil-post u fl-istat originali taghhom u dana taht is-supervizzjoni ta' perit mahtur minn dina l-Onorabbli Qorti jekk ikun il-kaz;

3. Tawtorizza lir-rikorrenti sabiex fl-inadempjenza tal-intimat jaghmlu a spejjez ta l-intimati, ix-xogholijiet kollha necessarji ghar-reintegrazzjoni huma taht is-supervizzjoni ta' perit mahtur minn dina l-Onorabbli Qorti.

Bl-ispejjez, u l-ingunzjoni in subizzjoni ta' l-intimati.'

Rat ir-risposta guramentata tal-intimati Paula Debono, Pierre Debono u Omar Debono li taqra kif isegwi:

**'Eccezzjonijiet**

1. Illi t-talbiet tar-rikorrenti ghandhom jigu michuda bl-ispejjez stante illi l-esponenti ma kkommettew ebda spoll fil-konfront tar-rikorrenti u li fi kwlaunkwe kaz ma jissussistux ir-rekwiziti ta' l-azzjonita' l-ispoll.

Salvi eccezzjonijiet ulterjuri.

**Il-fatti**

1. Illi l-esponenti ma kkommettew ebda att ta' spoll fil-konfront tar-rikorrenti.

2. Illi l-esponenti jafu b'dawn il-fatti personalment.'

Rat li fil-verbal tal-5 ta' Ottubru, 2017 din il-Qorti diversament preseduta nnominat lill-Perit Godwin Abela bi qbil bejn il-partijiet sabiex ikompli jigbor il-provi u jirrelata dwar it-talbiet fid-dawl tal-eccezzjonijiet.

Rat li din il-Qorti kif preseduta permezz ta' digriet datat 11 ta' Dicembru, 2019 awtorizzat il-presentata ulterjuri ta' ritratti bhala prova da parti tar-rikorrenti filwaqt li awtorizzat li jergghu isiru l-kontro-ezamijiet tax-xhieda tar-rikorrenti mill-intimati limtiatament ghar-ritratti in kwistjoni.

Rat l-affidavits, ritratti, rapporti, kontro-ezamijiet u provi kollha fl-atti.

Rat illi fil-verbal datat 26 ta' Mejju 2022 ir-rikors gie differit ghal-lum ghad-decizjoni bil-fakulta' li l-partijiet jaghmlu s-sottomissjonijiet taghhom bil-miktub f'termini mposti fuqhom.

Rat in-noti ta' sottomissjonijiet fl-atti.

Rat l-atti kollha.

**Ikkunsidrat:**

Illi l-kawza odjerna tikkonsisti f'allegazzjoni ta' spoll vjolenti u klandestin fejn ir-rikorrenti isostni li l-intimati fil-jiem bejn is-7 t'April, 2015 u l-14 ta' April 2015 ressqu diversi oggetti li kienu jiddemarkaw il-qasma bejn zewg eghlieqi adjacenti fil-pussess rispettiv tal-partijiet u spussessaw lir-rikorrenti minn porzjon raba' li kienet fil-pussess taghhom u bosta oggetti li kienu jinsabu fuq l-istess. Ir-rikorrenti ghalhekk jitolbu li din il-Qorti tiddikjara lill-intimati responsabbli ta' spoll vjolenti u klandestin u sabiex jigi ripristinat l-*istatus quo ante*.

L-intimati da parti taghhom jeccepixxu li t-talbiet ghandhom jigu michuda stante li ma wettqu l-ebda spoll u li fi kwalunkwe kaz ma jissussitux ir-rekwiziti sabiex tirnexxi kawza ta' spoll.

**Bazi legali:**

Illi l-elementi fil-kawza ta' spoll jirrizultaw mill-artikolu 535 (1) tal-Kodici Civili li jaqra kif isegwi:

"Jekk persuna tigi, bil-vjolenza jew bil-mohbi, mnezzgha mill-pussess, ta' liema xorta jkun, jew mid-detenzjoni ta' haga mobbli jew immobbli, hija tista', fi zmien xahrejn mill-ispoll titlob, b'azzjoni kontra l-awtur ta' spoll, li terga' tigi mqiegħda f' dak il-pussess jew f'dik id-detenzjoni, kif jinghad fl-Artikolu 791 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili."

Illi skond l-artikolu 535 tal-Kap 16 l-azzjoni ta' spoll vjolenti ghandha bhala elementi kostituttivi taghha tlett fatturi: il-pussess ***(possedisse),*** l-att spoljattiv ***(spoliatum fuisse)*** u dan l-att sar fi zmien xahrejn qabel ma giet intavolata l-azzjoni ***(infra bimestre deduxisse).***

L-*actio spolii* hija radikata fuq l-esigenza ta' utilita' socjali, intiza sabiex tkun estiza l-protezzjoni lil kwalunkwe pussess u jigi mpedut lic-cittadin privat milli jiehu l-gustizzja f'idejh, b'dan li l-fini taghha huwa dak li jigi restawrat l-istat tal-pussess li jkun gie

skonvolt jew turbat. Din l-azzjoni ghandha l-iskop li tassigura li jigi ripristinat l-ordni socjali li l-persuna li tkun vjolentement spussessata tigi qabel xejn reintegrata fil-pussess taghha: *Spoliatur ante omnia restituendum*. L-artikolu tal-ligi li jikkontempla din l-azzjoni huwa ta' ordni pubbliku u huwa inerenti ghall-fatt ta' min b'awtorita' privata jaghmel ghad-dannu ta' terza persuna att li, ghalkemm jista' jkollu dritt ghalih, ma jkunx jista' jesercitah minghajr l-intervent tal-Qrati.[1]

Illi huwa magħruf ukoll li f'kawzi simili, l-indagini tal-Qorti ghandha tkun limitata sew. Fil-kawza fl-ismijiet Delia vs Schembri (deciza mill-Prim' Awla fl- 4 ta' Frar 1958) gie ritenut illi:

*'L-azzjoni ta' spoll isservi biex tipprotegi l-pussess, ikun x'ikun, li jigi vjolentement jew okkultament mehud minghand il-possessur jew detentur, u gie deciz kemm-il darba li tapplika wkoll ghat-tutela tal-kwazi pussess tad-drittijiet legali, u hija inerenti ghall-fatt ta' min b'awtorita' privata jagħmel ghad-dannu ta' terza persuna att li ghalkemm jista' jkollu dritt ghalih ma jistax jeżercitah minghajr intervent tal-Qorti.'*

Illi fi kliem Pacifici Mazzoni spoll vjolent huwa "qualunque atto arbitrario che per forza privata si compia contro la volontarieta' dello spogliato". (Vol III Sez. 52).

Illi fil-kawza Margherita Fenech vs Pawla Zammit (deciza fit-12 ta'

[1] *Ara Vol.XLII.II.973; Vol.LXXXII.II.79 u 500.*

April 1958) jinghad illi:

*'L-actio spolii hija radikata pjuttost fuq l-esigenzi ta' utilita' socjali milli fuq il-principju assolut ta' gustizzja hija eminentement intiza l-protezzjoni ta' kwalunkwe pussess u jigi impedut lic-cittadin privat li jiehu l-ligi f'idejh; b'mod li l-fini tagħha huwa dak li jigi restawrat l-istat tal-pussess li jkun gie skonvolt jew turbat.'*

Illi kif ukoll gie ritenut:

*'Kif kellha okkazzjoni tesprimi ruhha l-Onorabbli Qorti tal-Appell, l-indagini li trid issir hija waħda limitatissima, rigoruza u skarna u ma tinsab f'ebda legiżlazzjoni oħra u kompliet tghid illi għalhekk indaginijiet ibbazati fuq x'jghidu u ma jghidux ġuristi u awturi Franċiżi u Taljani huma għal kollox irrilevanti u inapplikabbli fil-kuntest tal-ordinament ġuridiku taghna'*(Cardona vs Tabone, Appel Civili, deciza fid-9 ta' Marzu 1992).

Konformament, gie ritenut ghar-rigward tal-element tal-pussess li:

*'All' attore in reintegrazione e' sufficiente per la sua azione un possesso qualunque o detenzione* **..***'*[2]

Il-pussess li tirrikjedi l-ligi fl-ispoljat ghall-fini tal-azzjoni tar-reintegrazzjoni huwa kwalunkwe pussess 'materiale' u 'di fatto[3]'*:*

Spoll vjolent u abbusiv:

---

[2] Ara *Camilleri v Agius P A.20/10/1882.*
[3] *Ara Vol.XXXVII.I.280.*

*'jikkonsisti fi kwalunkwe att arbitrarju li mar proprio jmur kontra l-persuna spoljata'*[4]

u

*'neanche e permesso in queste cause di spoglio di investigare la natura del possesso presso lo spogliato, se esso lo sia animo dominii o no perche' la legge non richiede che un possesso materiale di fatto.'*[5]

Ghalhekk pussess qualunque, anki purament materjali u *di fatto*, anche qasir hafna u sahansitra momentanju huwa sufficjenti, basta' jkun univoku u ma jkunx bazat fuq mera tolleranza.[6]

Illi dwar it-terminu ta' xaharejn fil-kawza deciza mill-Onorabbli Qorti tal-Appell fl-ismijiet Trevor Arends et vs. Veronica Mizzi deciza nhar il-11 ta' Jannar, 2013 dik il-Qorti ddikjarat kif isegwi:

*'dan it-terminu ta' xahrejn huwa element, li kif gie deciz kemm-il darba, ghandu jigi pruvat mill-attur. Ir-rekwizit li l-azzjoni ta' spoll ghandha ssir fi zmien xahrejn mill-allegat spoll huwa rekwizit essenzjali li johrog mill-artikolu tal-ligi stess u l-gudikant ghandu jkun sodisfatt li dan jissussisti indipendentement minn jekk jitqajjimx fl-eccezzjonijiet jew le.'*

Il-Prim' Awla tal-Qorti Civili (Imh. N. Cuschieri) f'Alfred Paul

---

[4] *Ara Vol.XLI.II.1133.*
[5] *Ara Vol.X-556;Vol.LXXXIII.II.76;Vol.XXXVII.I.28; Vol.XXXII.II.49.*

[6] *Ara Vol.XXXII.II.642; Vol.LXXXIII.II.79.*

Farrugia nomine v. Peter Paul Cutajar, (13.02.2004) irriteniet illi:

*"Dan huwa terminu ta' dekadenza estintiva tal-azzjoni ta' spoll fis-sens li jekk ma jigix provat li l-azzjoni saret fi zmien xahrejn mid-data tal-att spoljattiv allura l-azzjoni ta' spoll privilegggjat ma tistax treggi."*

Aktar specifikatament f'Georgina Borg v. Errol Cassar et (21.10.2002) il-Prim' Awla (Imh. Ph. Sciberras) dwar it-terminu ta' xahrejn f'azzjoni ta' spoll qalet hekk:

*'Huwa veru li dan il-punt ma giex formalment eccepit, kif normalment u guridikament wieħed kien jistenna in bazi għal dak provdut fl-Artikolu 728 tal-Kap 12. B'danakollu 'it-terminu ta' xahrejn li fih l-attur irid jiddeduci l-pretensjoni tieghu huwa element essenzjali ta' din l- azzjoni li jehtieg li jigi konkludentement pruvat mill-attur. Prova li trid issir f'kull kaz ta' din ix- xorta imma li ssir sine qua non meta l-parti konvenuta teccepixxi bhal dan il-kaz il-preskrizzjoni taghha bid-dekors tal-perjodu estentiv ta' xahrejn'.* (MichelAngelo Fenech nomine v. Alfred Camilleri, Prim' Awla, Qorti Civili, per Imh. Said Pullicino, 22 ta' Frar 1992).

**Mertu:**

Il-Qorti rat li a fol. 20 et seq xehed ir-rikorrent **Ignatius Debono** permezz ta' affidavit. A fol. 24 huwa jannetti mal-affidavit skizz sabiex jispjega l-posizzjoni tal-ghalqa fil-pussess tieghu u dik tal-

intimati u jispjega l-allegat spoll. Jixhed li hu mar nhar l-14 ta' April, 2015 fl-ghalqa u li kien ilu ma jmur hemm xi sitta jew sebat'ijiem. Dwar l-allegat spoll jixhed kif isegwi:

'Malli wasalt hadt il-qatgha ta' hajti ghaliex sibt illi l-fence tal-pallets illi kont ghamilt sabiex iservi bhala hajt divizorju bejn l-ghalqa tieghu u dik ta' Pauline Debono u uliedha Pierre u Omar, ahwa Debono kien gie mcaqlaq abbusivament fis-sens illi dahal xi 8 metri 'l gewwa, fis-sens illi l-ghalqa tieghi kienet ckienet b'xi 8 metri l-wisa' taghha kollu. Ukoll il-pal tal-bajtar illi kont hawwilt xi snin qabel kien mqaccat u illi z-zewg sigar tar-rummien u l–hames xitel tat-tin illi kienu quddiem il-pal tal-bajtar kienu mkissrin u mxerdin mal-art. Nispjega kif pero' kien hemm ukoll zewg sigar taz-zebbug illi jiena kont hawwilt hemmhekk b 'ordni tal-MEPA wara illi kien inharigli l-permess tal-izvilupp tal-fond tieghi numru 174, Triq il-Kbira, Haz-Zebbug, Malta fejn dawn is-sigar kienu jinsabu. Dawn iz-zewg sigar taz-zebbug kienu f'ringiela mas-sigar tar-rummien quddiem il-pal tal-bajtar u l –istess sigar taz-zebbug kienu ghadhom f'posthom u ma nqalghux bhal bqija tas-sigar u xitel illi semmejt qabel. Minhabba pero' illi kif ghidt qabel, il-linja tal-pallets giet mcaqalqa abbusivament b'xi 8 metri 'l gewwa dawn iz-zewg sigar taz-zebbug bhal li qishom ma baqghux fil-proprjeta' tieghi u gew f'dik ta' ma genbi u cioe' f'dik ta' Pauline Debono u uliedha Pierre u Omar, ahwa Debono.

Ntenni ukoll illi fuq il-hajt illi jifred iz-zewg hbula tieghi jiena kont poggejt tlett tankijiet tal-fibre-glass minn dawk illi is-soltu jkunu fuq il-bjut mimlijin bl-ilma. Dawn it-tankijiet sbithom mbattlin mill-ilma u qeghduhom fil-habel tieghi ta' fuq quddiem il-linja tal-pallets. Fil-habel ta' fuq magenb il-hajt illi jifred iz-zewg hbula tieghi kelli 4 sigriet zghar taz-zebbug li bhal fil-kaz taz-zewg sigar taz-zebbug il-kbar hawn fuq imsemmija gew wara l-pallets u dawn ukoll bhal li kieku gew fil-proprjeta' ta' Pauline Debono u uliedha Pierre u Omar, ahwa Debono u hekk ghadhom sal-gurnata ta' llum.

Fil-habel ta' fuq, magenb il-fence illi gie mcaqlaq liema fence jifred l-ghalqa tieghi mill-ghalqa ta' Pauline Debono u uliedha Pierre u Omar, ahwa Debono jien kont pparkjajt truck Volvo illi kien jiehu d-dell minn sigra tal-harrub illi tikber hemmhekk u cioe' tikber f'ghalqa ta' terzi. Di fatt qabel ma ccaqlaq il-fence, il-harruba kienet ferm il-boghod mill-fence u tant kemm huwa hekk illi t-truck Volvo kien ikun kollu kemm huwa mghotti bil-weraq tat-truck imma dan issa ma ghadux il-kaz peress illi meta caqalqu l-fence caqalqu wkoll it-truck Volvo illi ma baqghax kompletament mghotti mis-sigra. Wara illi ccaqlaq il-fence id-distanza bejn is-sigra tal-harrub u l-fence naqqset.'

Ikompli jixhed li mar jaghmel rapport mal-Pulizija u baqa' sejjer ghand l-Avukat li qallu biex iregga' kollox lura kif kien. Baqa'

sejjer jaghmel hekk ma' huh Joseph Debono izda wara kwarta li kienu bdew u kienu lahqu qalghu xi zewg pellets marru Pierre u Omar ahwa Debono li qalulhom 'intom taqilghu u ahna nergghu npoggu' fejn huwa wiegeb li kien ser ikompli mbaghad jaraw. Kwarta wara rcieva telefonata minghand il-Pulizija u rega' mar l-ghassa u spjega li aktar qabel kien ghamel rapport hu.

Ir-rikorrent izid li wara dak suespost l-intimati baqghu ghaddejjin b'azzjonijiet ohra ta' spoll fosthom innota li l-intimati kienu haffru speci ta' gandott biex iservi ta' pedament u li fuqu wara bdew itellghu hajt u dan f'dik il-parti tal-ghalqa li kienet ittehditlu meta tressaq il-fence. Isostni li dwar dan saru wkoll rapporti mal-Pulizija.

A fol. 91 et seq xehed in kontro-ezami l-istess rikorrent u wkoll esebixxa numru ta' ritratti a fol. 88 il-quddiem. In kontro-ezami jispjega li meta huwa kien mar fuq parir tal-Avukat sabiex jregga' lura dak li ghamlu l-intimati, r-rikorrent rega' pogga kollox kif kienu ghamluh l-intimati. Jghid li dan huwa dak li juru r-ritratti esebiti minnu in kontro-ezami. B'referenza ghas-sigar li huwa kien qala mid-dar tieghu u thawlu originarjament vicin il-hajt tal-pallets jghid li dawn mbaghad huwa sabhom maqlughin u ma setax jerga' jhawwilhom fejn kienu ghaliex fil-frattemp l-intimati kienu ressqu l-linja divizorja u kienu okkupaw dik il-bicca tal-art.

Rat li a fol. 25 xehdet permezz ta' affidavit **Carmen Debono** li kkonfermat li hija tmur fl-ghalqa in kwistjoni u kkonfermat dak li xehed ir-rikorrent Ignatius Debono. Carmen Debono xehdet in kontro-ezami a fol. 123 et seq tal-process. Hija tixhed li l-pallets fejn jinsabu llum ir-ragel taghha r-rikorrent:

'Poggihom fejn qeghdin illum 'il ghaliex huma – Mrs Debono u t-tfal taghha Pierre u Omar kienu qalghuhom minn fejn kienu qabel u ressquhom iktar ' il gewwa.'

Izzid li dejjem kien hemm hajt u r-ragel taghha pogga l-pallets mieghu.

A fol. 26 xehed **Joseph Debono** wkoll permezz ta' affidavit li jsostni li jigi hu r-rikorrent. Jixhed li t-trakk Volvo tpogga ghad-dell ta' sigra kbira tal-harrub kif spjega wkoll ir-rikorrent fis-sena 2005. Il-pallets mal-hajt mibni mill-girien kienu ghamluhom lura fis-sena 2007:

'poggejna ringiela pallets weqfin li ma' kienet interrotta imkien tmiss ma' dan il-hajt kollu sa mal-hajt tat-triq, fuq il-hajt li jifred iz-zewg hbula li jifred il-habel t'isfel min ta' fuq irbattna pallet wieqfa ta' daqs konvenzjonali.'

Izid li fil-habel t'isfel il-pallets li kienu minnhom infushom 'treated' sabiex jirrezistu ghall-elementi waqqfuhom u sammruhom f'ringiela permezz ta' pajpijiet fil-hitan tal-gnub u rabtu kollox bil-wajer ohxan iggalvanizzat. Jghid li fil-habel ta' fuq ghamlu kollox l-istess izda peress li l-pallets kienu izghar ghamlu ringiela fuq il-hamrija u ringiela ohra fuqhom bil-pajpijiet fil-hamrija u fil-gnub tal-habel.

Jghid ukoll li fl-2014 tnizzlu diversi vjaggi ta' hamrija mid-dar tar-rikorrent ghal gol-ghalqa u wkoll zewg sigar taz-zebbug u zewg sigar tar-rummien maturi li thawlu qrib il-pal tal-bajtar minn genb ghall-iehor tal-habel permezz ta' hofor li thaffru b'gaffa minn Andrew Abela. Jghid li r-ringiela sigar taz-zebbug fit-tieni habel li fl-istess ringiela kien hemm tankijiet bhal ta' fuq il-bjut, l-ahhar sigra kienet biss pied wiehed il-boghod mill-pallets, jigifieri fir-ringiela tal-pal tal-bajtar.

A fol. 27 tal-process xehed **Rosario Cortis** li jghid li huwa haten Ignatius Debono. Huwa jixhed li dak in-nhar tal-14 ta' April, 2015 kien fl-ghalqa tieghu vicin l-ghalqa in kwistjoni u cempillu r-rikorrent li nfurmah b'dak li kien sab. Jghid li mar fuq il-post u jikkonferma dak li ddeskriva r-rikorrent fl-affidavit tieghu bhala l-atti spoljattivi li sehhew. Izid li r-rikorrent kien qallu li l-ahhar li kien hemm kien madwar hamest'ijiem jew sitt ijiem qabel u kollox kien ghadu sew. Izid li hu mar mar-rikorrent sabiex jaghmlu r-

rapport mal-pulizija. Wara r-rapport jghid li r-rikorrent qallu li kien ser imur ghand l-Avukat u wara cempillu biex jghidlu li kien sejjer l-ghalqa biex jerga' jaghmel kollox f'postu ghaliex hekk qallu l-Avukat. Hu ma setax imur jghinu izda qallu li kien sejjer jghinu Joseph Debono. Aktar tard filghaxija r-rikorrent kien infurmah li waqt li kien l-ghalqa marru l-intimati Pierre u Omar Debono li qalulu li dak li jressaq hu, huma jergghu jaqilghu. Skond dan ix-xhud granet wara l-intimati baqghu jippersistu bl-atti spoljattivi ghaliex qatghu zewg sigar taz-zebbug xjuh, zewg sigar tar-rummien u tefawhom fl-ghalqa li kien ghad baqa tar-rikorrenti. Jghid li wkoll haffru gandott biex iservi ta' pedament biex itellaw hajt u dan f'dik il-parti tal-ghalqa li kienet tar-rikorrent u giet spoljata. Dan ix-xhud jispjega wkoll li hu jista' jikkonferma fejn kien il-'fence' in kwistjoni qabel l-allegat spoll ghaliex kien spiss jaghti parir lir-rikorrent dwar x'ghandu jaghmel u kien ikun ghalhekk spiss fuq il-post. Ix-xhud jispjega kif fejn qabel il-*fence* in kwistjoni kien biss madwar metru boghod mix-xatba tal-ghalqa tal-intimati, wara l-allegat spoll il-*fence* jinsab madwar disa' metri l-boghod. Jikkonferma wkoll il-posizzjoni ta' fejn kien jinsab it-trakk Volvo u li uhud mis-sigar tar-rikorrent bic-caqlieq tal-*fence* spiccaw fil-parti spoljata mill-intimati.

Rosario Cortis jixhed in kontro-ezami a fol. 125 et seq tal-process. Jixhed li r-rikorrent kien ghamel il-pallets diversi snin qabel mal-hajt baxx li kienu tellghu in-nies tan-naha l-ohra. Jichad li kien

hemm marki taz-zebgha qabel u li kien hemm musmar fuq il-post. Izid li maz-zmien il-hajt beda jitnehha ftit ftit minn nies tan-naha l-ohra. Jibqa' jinsisti li ma kienx hemm marki. Jghid ukoll li l-kawza precedenti bejn il-partijiet kienet fuq habel iehor u mhux fuq din id-divizjoni. Jikkonferma wkoll li ghalkemm ir-rikorrent kien prova jerga' jpoggi l-pallets lura f'posthom, cemplulu l-pulizija u l-ftit li kien qala rega' ghamilhom fejn sabhom filghodu kif gia imcaqalqin.

A fol. 32 xehed **John Xuereb** permezz ta' affidavit fejn fil-parti saljenti u rilevanti ghall-kaz odjern xehed kif isegwi:

'F'Settembru tas-sena 2014 Ignatius Debono kien avzani illi kelli mmur armat bi-sikka. Dakinhar illi kont mort rajt u ntbaht illi kienu gabulu l-hamrija ghax kien ghad hemm il-marki f'wicc il-hamrija ta' katina ta' xi gaffa. Bdejt mill-habel ta' mat-triq minn fejm hemm il-kamra kif tidhol sat-tarf l-iehor fejn erba' sigar (tnejn taz-zebbug u tnejn tar-rummien) minn genb ghall-iehor tal-habel illi kienu mgewzrin b'incirata bajda anke fuq il-konka ta' madwarhom, imbaghad filliera pal tal-bajtar tax-xewk minn genb ghall-iehor tal-habel. Din il-filliera kienet tasal sa kwazi zewg metri 'l boghod minn xatba illi hemm fuq in-naha tal-lemin u imbaghad tlajt fil-habel ta' fuq fejn ir-ringiela 'pallets' u pal tal-bajtar tibda minn isfel u tkompli fit-tieni habel u qabel ma wiehed

jasal ghal din ir-ringilea hemm trakk 'Volvo' xi disa' piedi 'l boghod mir-ringiela msemmija . . .

. . . ghandi nghid ukoll illi din ir-ringiela 'pallets' weghdfin u pal tal-bajtar minn habel ghall-iehor dejjem niftakaraha l-istess kemm ilu jqabbadni naghmel dan ix-xoghol Ingatius Debono. Ghandi x'nzid ukoll illi nhar is-Sibt illi ghadda u cioe' l-20 ta' Gunju 2015, meta mort nahrat u ergajt hrat bis-sikka, innutajt illi dawn iz-zewg fillieri tal-'pallets' ma baqghux fil-post originali taghhom imma gew imresqin lejn il-Punent filwaqt illi l-pal tal-bajtar tnehhew ghall-kollox u trakk 'Volvo' ma ghadux fl-istess post imma gie imressaq lejn il-Punent ukoll.'

Dan ix-xhud xehed in kontro-ezami a fol. 134 et seq tal-process. Jghid li huwa l-pallets ra fuq il-post ghalkemm mar kemm-il darba imma ma rax marki mal-hajt. Jikkonferma li hu kien jahrat l-ghalqa tar-rikorrent. Dwar it-trakk Volvo jinsisti li dan iccaqlaq minn fejn kien. Jghid ukoll li sabiex iccaqalqu, peress li huwa trakk kbir, jekk ma jahdimx trid tigbdu. Jikkonferma dak li huwa kien ra kif spjegat fl-affidavit tieghu u mistoqsi jafx min caqlaq il-pallets jghid li ma jafx.

A fol. 33 xehed **Andrew Abela** li jikkonferma li f'Mejju tas-sena 2014 garr bosta vjaggi hamrija mid-dar tar-rikorrent ghal gewwa l-ghalqa in kwistjoni fejn ferrex l-istess hamrija. Jikkonferma wkoll

li skava erba' toqob f'ringiela fil-habel t'isfel u hawwel is-sigar bl-ghajnuna tar-rikorrent u huh Joseph Debono.. Jghid li r-rikorrent insista mieghu li l-hamrija tasal sal-pal tal-bajtar u fejn kien hemm it-trakk Volvo. Jixhed:

'Din ir-ringiela pallets weqfin u pal tal-bajtar kienet tasal sa' mal-hajt tat-triq u t-trukk Vovlo kien xi ghaxar piedi boghod mill-pal tal-bajtar'.

A fol. 34 xehed permezz ta' affidavit **Domenic Cutajar** li sostna li hu kien tqabbad flimkien mal-imghallem tieghu jaghmel xoghol ta' skavar fir-residenza tar-rikorrent u garr hamrija minn din il-proprjeta' ghall-ghalqa in kwistjoni. Dan ix-xhud jixhed:

'Meta konna hattejna l-hamrija fl-ghalqa ta' Ignatius Debono, fil-post rajna illi fuq in-naha tal-Lvant taz-zewgt ihbula kien hemm filliera 'pallets' tal-injam wiefqin izommu bil-pajpijiet imsammrin fil-hamrija u ukoll fil-hajt.

Quddiemhom ghan-naha tal-Punent, filliera tal-pal tal-bajtar matur u imbaghad fil-habel ta' fuq kien hemm truck 'Volvo' xi 10 piedi 'l boghod mill-filliera tal-pal tal-bajtar tax-xewk. Innutajna illi meta f'dan il-perjodu tfajna l-hamrija kien hemm zewg sigar taz-zebbug xjuh u ukoll zewg sigar tar-rummien xjuh.'

Izid li r-rikorrent qalilhom biex il-hamrija jwassluha sal-pal tal-bajtar u hekk ghamlu. Jixhed li t-trakk Volvo kien posteggjat taht sigra tal-harruba kbira illi kienet tikber fit-tielet habel izda l-frieghi taghha jaqbzu ghall-habel ta' tahtu u cioe' t-tieni habel u li jigi l-habel ta' fuq tar-rikorrent. Raw ukoll tank tal-ilma gholi quddiem it-trakk Volvo. Dan kien f'Settembru 2014. Jghid li meta rega' mar fl-14 ta' April, 2015 ra li l-pal tal-bajtar ma kienx ghadu hemm:

'Nispjega illi meta kont mort f'Settembru 2014 il-pallets kienu jservu bhala speci ta' hajt divizorju bejn il-proprjeta' ta' Ignatius Debono u l-proprjeta' ta' Pauline Debono u uliedha. Quddien dawn il-pallets wieqfin u cioe' fl-ghalqa ta' Ignatius Debono kien hemm filliera pal tal-bajtar tax-xewk u terga quddiem l-istess pal tal-bajtar tax-xewk kien hemm l-imsemmija zewg sigar taz-zebbug u tar-rummien. Meta mort lura fl-14 ta' April, 2015 biex ingeddes il-haxix u nwitti l-hamrija dehrli stramb kif din id-darba is-sigar taz-zebbug flok quddiem il-pallets kienu wara l-pallets u ukoll illi ma kienx hemm ill-filliera tal-pal tal-bajtar tax-xewk.'

Dan ix-xhud xehed in kontro-ezami a fol. 136 et erga et seq. Mistoqsi jekk qattx innota sinjali li juru l-qasma fuq il-post jghid li huwa nnota pal tal-bajtar, kien hemm hajt bil-pal tal-bajtar u s-sigar taz-zebbug. Izid li huwa mar fuq il-post darbtejn u li nnota l-posizzjoni tat-trakk ghaliex huwa trakk antik u lilu jinteressawh.

Jixhed li t-trakk jekk ma jahdimx irid jigi migbud jew imbuttat biex jiccaqlaq.

Il-Qorti rat ir-ritratt mill-ajru tas-sena 2012 esebit a fol. 43 tal-process esebit minn **Oliver Magro** rapprezentant tal-Awtorita' tal-Ippjanar li xehed a fol. 48 et seq tal-process.

Rat ir-rapport tal-Pulizija li jgib id-data tal-incident bhala dak tas-7 ta' Mejju, 2015 esebit minn **PC 1502 Richard Grech** li xehed a fol. 49 et seq tal-process. Dan ir-rapport sar mir-rikorrenti u jirreferi ghall-filliera bricks li tpoggiet fuq il-post. Fir-rapport jirrizulta li l-intimat Pierre Debono qal lill-pulizija li huwa kien ghamel dan il-briks u l-materjal fl-ghalqa tieghu. Ir-rapport ikompli ulterjorment u baqa jigi 'updated' fil-granet ta' wara bir-rikorrent jirraporta xoghlijiet ulterjuri li kienu qed isiru mill-intimati fosthom trinka twila madwar 55 pied minn hajt sa hajt wiesa madwar 2 piedi u fonda madwar 9 pulzieri, li tressaq it-trakk billi gie ggakkjat u sigar maqlughin. Ir-rapporti da parti tar-rikorrent baqghu sejrin sad-data li nfethet il-kawa odjerna w'anki wara.

Rat in-nota tar-rikorrenti a fol. 116 tal-process li permezz taghha gie esebit rapport mal-Pulizija ulterjuri li jgib id-data tal-incident u tar-rapport bhala dik tal-14 ta' April, 2015. F'dan ir-rapport il-Qorti rat li gie rraportat dak li r-rikorrent allegatament sab l-

ewwel darba li sehh l-allegat spoll kif l-istess rikorrent spjega fl-affidavit tieghu aktar il-fuq.

Rat ir-rapport ex-parte tal-**Perit Valerio Schembri** konfermat bil-gurament esebit mir-rikorrent a fol 53 et seq tal-process u x-xhieda tal-istess Perit a fol. 74 et seq tal-process. Huwa jghid li zamm access fuq il-post nhar id-9 ta' Gunju, 2015 u jikkonkludi kif isegwi:

'01 L-allegazzjoni tal-konjugi Ignatius u Carmen Debono illi l-linja tal-konfini ta' bejn l-ghalqa okkupata minnhom u dik okkupata mill-girien iccaqalqet f'xi zmien bejn l-01 ta' April- 2015 u t-22 ta' April 2015 iccaqalqet a danni ta' l-istess konjugi Debono, hija minnha.

02 L-allegazzjoni li illum l-istess konjugi Debono qed jokkupaw inqas art milli kienu jokkupaw qabel sehh l-ispoll in kwistjoni hija fl-umli opinjoni ta' l-esponent gustifikata ud an l-esponent jasal ghaliex wara li ezamina d-dokument relattivi annessi mar-rapport odjern.'

Rat ir-ritratti annessi mal-istess rapport a fol. 58 et seq tal-process. In konnessjoni maghhom rat ukoll l-affidavit tas-surveyor Alan Micallef a fol 65 tal-process li provda r-ritratti mis-Satellita tal-ghalqa in kwistjoni fix-xahar ta' April f'data qabel u wara l-allegat

spoll u li fuqhom saru marki ta' delinjazzjoni annessi mar-rapport tal-Perit Valerio Schembri. Rat illi mir-ritratti tas-satellita esebiti a fol. 63 u 64 il-Perit u s-surveyor qed jindikaw kif skont huma resqet il-qasma bejn l-eghlieqi tal-partijiet mid-data tal-1 ta' April, 2015 ghad-data tat-22 ta' April, 2015 b'dana li minn naha tat-triq hemm immarkat li naqsu kwazi tmien metri mill-ghalqa tar-rikorrenti u mill-parti ta' fuq ukoll naqsu madwar tmien metri.

Rat ir-ritratti esebiti mir-rikorrenti a fol. 162 et seq tal-process.

Rat ir-ritratti esebiti mill-intimati a fol. 183 tal-process.

Rat ir-relazzjoni tal-**Perit Tekniku Godwin P. Abela** konfermata bil-gurament a fol. 187 et seq tal-process. Rat il-konsiderazzjonijiet tal-istess Perit fir-rapport, dak rilevat minnu waqt l-access li sar fuq il-post u wkoll in relazzjonijiet mal-komparazzjoni teknika ta' ritratti mill-ajru li jevidenzjaw is-sitwazzjoni qabel id-data tal-allegat spoll u wara. Rat li konsegwentement il-Perit wasal ghall-konkluzonijiet segwenti:

'9.01 Illi, in segwitu ghall-paragrafi 8.01 sa 8.04, jirrizulta b'mod in ekwivoku li linja divizorja bejn l-ghalqa tar-rikorrenti u dik tal-intimati giet icaqalqa bejn is-sena 2008 u s-sena 2016.

9.02 Illi, in segwitu ghar-ritratti satellitari esibiti mis-surveyor, jirrizulta b'mod aktar specifiku li c-caqliq tal-linja divizorja sar bejn l-1 ta' April 2015 u t-22 ta' April, 2015.

9.03 Illi jirrizulta li c-caqliq tal-linja divizorja sar a detriment tar-rikorrenti u li b'tali caqliq l-istess rikorrenet gie mcahhad minn kelj superficjalit a' cirka 147 metri kwadri mill-ghalqa tieghu.'

Rat li fil-verbal tas-26 ta' Mejju, 2022 l-partijiet iddikjaraw li mhux ser issir eskussjoni tal-Perit Tekniku.

Rat l-affidavit tal-intimat **Pierre Debono** a fol. 206 et seq tal-process. Huwa jixhed li ghalkemm l-ghalqa originarjament kienet ta' ommu, dik il-parti li tmiss mal-ghalqa tar-rikorrenti ilha fil-pussess tieghu. Jinsisti li huwa dejjem okkupa l-ghalqa bid-delinjazzjoni kif inhi llum u skont l-intimat kien ir-rikorrent li prova jcaqlaq il-pallets u mhux bil-kontra w'ghalhekk ghamel rapport l-ghassa. Jsosnti li ftit qabel kien innota li bdew jinqalghu xi pajpijiet minn mal-qasma w'ghalhekk kien ghamel marka bl-ispray ahmar. Jixhed:

'Jien nichad li qatt okkupajt il-propjeta okkupata minn Nazju Debono.'

Rat il-pjanta u r-ritratti esebiti mill-istess intimat.

A fol. 213 et seq xehed ulterjorment u in kontro-ezami l-intimat Pierre Debono. B'referenza ghar-ritratt PD 12 jghid li dan ittiehed fis-sena 2012 u li dak iz-zmien gia kien hemm il-qasma bil-pallets. Jinsisti li hu l-hajt tal-pallets ma messux u li kull ma ghamel bena hajt warajh. Dwar il-posizzjoni tas-sigar b'referenza ghar-ritratti fl-atti l-intimat jixhed b'mod evasiv ghall-ahhar u jwahhal fir-rikorrent li skont hu dejjem ihawwel u jaqla'. Dwar il-linja l-hamra jghid li din saret minnu fis-sena 2015 u li skont hu saret skont is-*survey* fejn kien tpoggew zewg imsiemer qabel.

L-istess intimat kompla jixhed in kontro-ezami a fol. 218 et seq tal-process. Jghid li t-trakk Volvo huwa qatt ma rah jimxi izda sa fejn jaf hu t-trakk gie mcaqlaq u li dejjem kien fil-proprjeta' tar-rikorrent. X'hin issirlu referenza ghar-ritratt a fol. 162 jikkonferma li f'dan ir-ritratt il-Volvo jidher in parti fuq l-art li jsostni li hija tieghu. Fuq suggeriment jghid li jaqbel li fil-parti tieghu hemm harruba u li l-linja divizorja tahbat maghha. Finalment jixhed:

'Qed nigi mistoqsi jekk il-hajt li jifred l-art tieghi minn dik tal-konvenuti huwiex biss hajt tal-pallets u nghid li llum hemm il-gebel kif jidher f'Doks PD 4 u PD 5. Il-gebel tpogga qisu f'2015 wara li sar rapport u dan jidher fir-ritratt.'

**Ikkunsidrat ulterjorment:**

Illi mill-bosta xhieda mressqa mir-rikorrenti, mill-konkluzjonijiet tal-Perit ex-parte Valerio Schembri bl-ghajnuna tas-surveyor Alan Micallef kif ukoll mill-konkluzjonijiet tal-Perit nominat minn din il-Qorti l-Perit Godwin Abela huwa evidenti ghal din il-Qorti li l-uniku xhud tal-intimati u cioe' l-istess intimat Pierre Debono, fix-xhieda tieghu fl-atti odjerni sfaccatament gideb fuq dak li effettivament sehh f'April, 2015.

Ghal kuntarju ta' dak li xehed l-intimat, din il-Qorti in vista tal-provi u l-konkluzjonijiet fl-atti, ma ghandha l-ebda dubju li kien l-intimat Pierre Debono (probabilment bl-ghajnuna u bil-konoxxenza tal-intimati l-ohra li l-Qorti tinnota li lanqas biss tressqu jixhdu sabiex jichdu l-allegazzjonijiet fil-konfront taghhom jew almenu jikkonfermaw il-versjoni ta' Pierre Debono) li f'April, 2015 ressaq l-oggetti kollha msemmija mir-rikorrenti lil hinn fil-proprjeta' fil-pussess tar-rikorrent sabiex naqqas l-art fil-pussess tar-rikorrent u zied l-art spoljata mal-art fil-pussess tieghu.

Il-Qorti tqis li gie ampjament pruvat fl-atti, partikolarment mix-xhieda mressqa mir-rikorrent u l-konkluzjonijiet tal-Perit ex-officio, li r-rikorrent kien igawdi l-pussess tal-art kollha kif tidher immarkata bl-isfar fir-ritratt anness mal-paragrafu 8.01 fir-rapport tal-Perit Tekniku (fol. 196) u li mill-jum tas-7 ta' April, 2015 il-

quddiem l-intimati wettqu diversi atti li permezz taghhom spoljaw din l-art favur taghhom, partikolarment favur l-intimat Pierre Debono kif jidher fir-ritratt 8.02 fl-istess fol. 196. Rizultat tal-agir tal-intimati, r-rikorrenti sfaw spussessati u mcahhda b'mod vjolenti u klandestin minn art ta' kejl superficjali ta' cirka 147 metri kwadri. Jirrizulta ghalhekk lill-Qorti li kemm l-element tal-pussess favur ir-rikorrenti kif ukoll tal-*ispoliatum fuisse* jinsabu sodisfatti.

Illi ghal dak li hu l-element tal-*infra-bimestre* l-Qorti hija sodisfatta li tressqu bizzejjed provi li jevidenzjaw li l-atti spoljattivi bdew isehhu mid-data tas-7 ta' April, 2015 il-quddiem. Il-kaz odjern gie ntavolat nhar l-4 ta' Gunju, 2015 w'ghalhekk entro t-terminu ta' xahrejn dekadenza mpost mill-ligi b'dana li dan l-element huwa wkoll sodisfatt.

In vista tas-suespost l-Qorti ser tghaddi sabiex tichad l-eccezzjonijiet tal-intimati u tghaddi sabiex tilqa' t-talbiet tar-rikorrenti.

**Decizjoni**

Ghaldaqstant ghar-ragunijiet kollha suesposti din il-Qorti tghaddi sabiex taqta' u tiddeciedi din il-kawza kif isegwi:

1. Tichad l-eccezzjonijiet kollha tal-intimati;

2. Tilqa' l-ewwel talba tar-rikorrenti u tiddikjara li l-fatti kif esposti fir-rikors guramentat jammontaw ghal spoll kommess mill-intimati ghad-dannu tar-rikorrenti;

3. Tilqa' t-tieni talba tar-rikorrenti u tikkundanna lill-intimati sabiex fi zmien xahar mid-data li din id-decizjoni ssir *res judicata* jirreintegra lir-rikorrenti fil-pussess pjen u shih **originali tal-proprjeta' taghhom billi jregghu kollox** ghal li kien qabel dan l-ispoll, inkluz izda mhux limitat li l-hajt divizorju u l-pallets jergghu jitpoggew fil-post u fl-istat originali taghhom u dana taht is-supervizjoni tal-Perit Godwin Abela li qed jerga' jigi nominat minn din il-Qorti a spejjez tal-intimati sabiex jissupervizjona li l-*istatus quo ante* jigi ripristinat in linea mar-rapport u l-konkluzjonijiet tieghu u d-deskrizzjoni tas-sitwazzjoni precedenti moghtija mir-rikorrent fix-xhieda kollha tieghu.

4. Tilqa' t-tielet talba tar-rikorrenti u tawtorizza lir-rikorrenti sabiex fl-inadempjenza tal-intimati, r-rikorrenti stess jaghmlu a spejjez tal-intimati ix-xoghlijiet kollha necessarji ghar-reintegrazzjoni taht is-supervizjoni tal-Perit Godwin Abela gia nominat ghal dan il-ghan fil-paragrafu precedenti.

**<u>Finalment il-Qorti tiddeplora l-agir tal-intimat Pierre Debono li sfaccatament bil-gurament, diversi drabi fl-atti odjerni, ma xehedx il-verita'.</u>**

Bl-ispejjez kollha kontra l-intimati.

Il-Qorti tordna komunika/notifika ta' din id-decizjoni lill-Perit Godwin Abela fil-mument li ssir *res judicata*.

**Moqrija.**

**Onor. Imhallef Dr. Joanne Vella Cuschieri**
**B.A., Mag. Jur. (EUR.LAW), LL.D.**
**30 ta' Marzu 2023**

**Cora Azzopardi**
**Deputat Registratur**
**30 ta' Marzu 2023**